MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 462/2004

**Hal Mann Limited
vs
Prova Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Frar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' elf u mitejn u disghin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm1290.74), u fejn intqal illi :**
**Is-socjetà attrici hija kreditrici tas-socjetà konvenuta fis-somma ta' elf mitejn u disghin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lml,290.74) rapprezentanti l-valur ta' provvista u tqeghid ta' bar top u table tops ta' l-irham, liema materjal gie provdut u xoghljiet gew esegwiti mis-socjetà attrici a favur is-socjetà konvenuta fl-fond Insomnia, St. George's Road, Paceville, San Giljan, fuq inkarigu ta' l-istess socjetà konvenuta ai termini ta' ftehim datat 29 ta' Novembru, 2000.**

**Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluzi zewg ittri ufficjali datati 22 ta' Marzu 2002 u 5 ta' Settembru 2003 rispettivament, is-socjetà konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx dak minnha dovut lis-socjetà attrici.**
**Tghid ghalhekk is-socjetà konvenuta ghaliex ghal dawn ir-ragunijiet**
**m'ghandux dan it-Tribunal:**
**1. Jikkundannaha thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' elf mitejn u disghin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1,290.74) rapprezentanti l-valur ta' provvista u tqeghid ta' bar top u table tops ta' l-irham, liema materjal gie provdut u xoghljiet gew esegwiti mis-socjetà attrici a favur is-socjetà konvenuta fil-fond Insomnia, St. George's Road, Paceville, San Giljan, fuq inkarigu ta' l-istess socjetà konvenuta ai termini ta' ftehim datat 29 ta' Novembru 2000.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 22 ta' Marzu 2002 u 5 ta' Settembru 2003 rispettivament, u bl-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjetà konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat fis-6 ta' April, 2004, mis-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta baqghu ma dehrux.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta, peress illi t-talba tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u mitejn u disghin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm1290.74) bl-imghax legali mit-22 ta' Marzu, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 22 ta' Marzu 2002 u 5 ta' Settembru 2003, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------